VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,798, 8 ta' Ġunju, 2017
Taqsima B

A.L. 168 tal-2017

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2017 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Arts – B.A. – u Bachelor of Arts (Honours) – B.A. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Arti bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2017 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Arts - B.A. - u Bachelor of Arts (Honours) - B.A. (Hons) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Arts - B.A. - u Bachelor of Arts (Honours) - B.A. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti, ippubblikati bħala Avviż Legali 11 tal-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2017 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok is-sottoparagrafu (a) tal-paragrafu (1) tal-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(a) għall-**Ekonomija, l-Ingliż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, it-Taljan, il-Malti**, ikunu għaddew mill-Eżami fil-Livell tal-Matrikola Avvanzata, jew l-ekwivalenti, bi Grad Ċ jew aħjar fis-suġġett;"

VERŻJONI ELETTRONIKA

4. Is-sottoparagrafu (i) li ġej għandu jidħol wara s-sottoparagrafu (h) tal-paragrafu (1) tal-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali:

"(i) għall-**Istudji Mużikali,** jew bħala qasam ta' studju Prinċipali jew bħala qasam ta' studju Sussidjarju, joqogħdu għal intervista u *audition*; l-applikanti li għandhom Grad Ċ jew aħjar fil-Livell tal-Matrikola Intermedju jew ogħla fil-Mużika jkunu eżentati kemm mill-intervista kif ukoll mill-*audition*."